# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — SETTEMBRU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1971


## OKKAŻJONI STORIKA

*L-għada tal-festa ta' Santa Marija, fis-sittax ta' Awissu ta' din is-sena, ġara fatt f'Malta li bħalu qatt ma sar kemm ilha li nħolqot din il-Gżira tagħna: il-Kap ta' Malta fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Parlament, għamel id-diskors inawgurali bil-Malti.*

*Id-diskors inawgurali hu l-aktar diskors importanti li jagħmel il-Kap tal-Istat għax bih hu jfisser xi jkun bi ħsiebu jagħmel il-Gvern għall-ġid tal-poplu u b'risq in-nazzjon. Minn dak id-diskors il-poplu jagħraf x'għamla se tieħu t-treġija tal-pajjiż u għalhekk jista' jqis x'se tkun xortih fiż-żmien li ġej. Mela hu ta' l-aqwa ħtieġa li dak id-diskors ewlieni jsir b'ilsien il-poplu ħalli dan ikun jista' jifhmu u jixtarru sewwa.*

*Imma b'xorti ħażina, il-poplu tagħna qatt fl-imgħoddi ma sama' dak id-diskors bil-Malti, u għalhekk qatt ma sata' jifhem sewwa x'fih jew xinhu l-għan tiegħu. Madankollu dan ma satax ikun għax minn dejjem il-Kap ta' pajjiżna kien barrani, u għalhekk ma kienx jista' jfisser ruħu tajjeb bl-ilsien li jitkellmu l-Maltin.*

*Fil-milja ta' eluf ta' snin, din il-Gżira tagħna waqgħet taħt il-ħakma ta' bosta ġnus, u kull ġens kien jibgħat hawn ir-rappreżentant tiegħu biex jiggverna 'l Malta, imma kull Gvernatur li kellna kien barrani, u bħala barrani mhux biss kien sajjem mid-drawwiet u l-ġibdiet tagħna, imma anqas ma kien jifhem l-ilsien li nitkellmu bih aħna. Hu qatt ma kien jista' jiftiehem mal-Maltin u dawn ma kinux jifhmu tajjeb lilu. Għalhekk, għalkemm kien jaħkem fuq din il-Gżira, hu kien jibqa' maqtugħ għalih u qatt ma kien irabbi dik ir-rabta li tressqu u tgħaqqdu man-nies ta' hawn.*

*Dan l-aħħar konna fraħna u ftaħarna bl-indipendenza li akkwistat il-Gżira tagħna, imma bl-indipendenza kollha, dik il-ħaġa li l-Kap tal-Istat ma kienx jitkellem bil-lingwa tal-pajjiż, kienet tixħet bħal dell fuqna fost in-nazzjonijiet ħielsa.*

*Dan in-nuqqas issa mtela bil-ħatra ta' Gvernatur Malti, li bħala wieħed minna, hu jagħraf sewwa s-sentiment Malti u jħoss ix-xewqiet u x-xejriet tal-Maltin.*

*Il-poplu għaraf din il-bidla siewja fil-ħakma ta' Malta, u ntebah bl-effett li jista' jkollha biex issaħħaħ ir-rabta tal-kotra mal-Kap ta' Malta. Il-poplu wera l-għoġba tiegħu bil-laqgħa sabiħa li għamel lil Sir Anthony Mamo, l-ewwel Kap Malti tal-Istat ta' Malta, meta mar biex jiftaħ il-Parlament, imma wisq u wisq aktar wera għaxqa meta semgħu jaqra d-diskors inawgurali bil-Malti. Dak il-jum jibqa' mniżżel fl-istorja ta' pajjiżna fost l-aqwa jiem ta' foħrija.*